MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.

## DOREEN CLARKE

Seduta tas-16 ta' Marzu, 2015

Numru. 615/2011

**Il-Pulizija**

**(Spettur James Grech)**

**vs**

**Omissis 3**

**Omissis 1**

**Omissis 2**

**Kumpilazzjoni Nru: 615/2011**

Il-Qorti,

Rat l-akkuza migjuba kontra l-imsemmija:

Omissis 3

Omissis 1; u

Omissis 2.

Akkuzati lil **Omissis** wahedha talli nhar il-11 ta' Mejju 2011 ghal habta tat-20.30hrs, fil-Belt Valletta,

1. dolozament bil-hsieb li toqtol jew li tqieghed il-hajja ta' Omissis f'periklu car, wriet dan il-hsieb b'atti esterni u taghat bidu ghall-esekuzzjoni tad-delitt, liema delitt ma giex esegwit minhabba xi haga accidentali u indipendenti mill-volonta taghha u dan bi ksur tal-artikolu 41(1)(a) u 211(2) ta' Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

2. u aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, hebbet ghall-istess Omissis bi strument li jaqta' jew iniggez u kkagunatilha offizi gravi kif iccertifikat minn Dr. Mark Anthony Attard Bianchardi MD mill-isptar Mater Dei u dan bi ksur tal-artikoli 217 u 218 ta' Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

3. u aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, fil-waqt li kienet qed taghmel delitt kontra l-persuna kellha fuqha arma regolari, jew

imitazzjoni ta’ arma regolari u dan bi ksur tal-artikolu 55(a) ta’ Kapitolu 480 tal-Ligijiet ta’ Malta;

Nakkuza lil **Omissis 1 u Omissis 2** talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi,

4. bil-ħsieb li jagħmlu delitt ta’ offiza gravi skond l-artikolu 218 ta’ Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, wrew dan il-ħsieb b’atti esterni u taw bidu għall-esekuzzjoni tad-delitt liema delitt ma ġiex esegwit minħabba xi ħaġa aċċidentali u indipendenti mill-volontà taghhom u dan bi ksur tal-artikoli 41(1)(a) u 218 ta’ Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;

5. hebbew ghall-istess Omissis u kkagunawlha offizi gravi kif iccertifikat minn Dr. Mark Anthony Attard Bianchardi MD mill-isptar Mater Dei u dan bi ksur tal-artikoli 216 ta’ Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;

Nakkuza lil **Omissis 1** wahedha talli fl-istess data, ghal habta tat-2030hrs gewwa l-Belt Valletta;

6. xjentement issoprimiet jew b’xi mod ieħor qerdet jew bidlet it-traċċi jew l-indizji ta’ reat u dan bi ksur tal-artikolu 111(2) ta’ Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;

Nakkuza lil **Omissis 3, Omissis 1 u Omissis 2** talli nhar il-11 ta’ Mejju 2011 ghal habta tat-2030hrs, fil-Belt Valletta,

7. kisru volontarjament il-bon-ordni jew il-kwiet tal-pubbliku u dan bi ksur tal-artikolu 338(dd) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;

8. u aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi hebbew kontra Omissis biex jingurjawha jew idejquha u dan bi ksur tal-artikolu 339(d) ta’ Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;

9. u aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi ingurjaw jew heddu jew jekk ipprovokati, ingurjaw lil Omissis b'mod li hargu barra mill-limiti tal-provokazzjoni u dan bi ksur tal-artikolu 339(e) ta' Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Il-Qorti giet mitluba sabiex f'kaz ta' htija, barra li tinfliggi l-pieni stabbiliti mill-Ligi, tordna wkoll il-konfiska ta' l-oggetti kollha esebiti.

Il-Qorti giet wkoll mitluba sabiex f'kaz ta' htija tikkundana lill-akkuzati ghall-hlas ta' spejjez li jkollhom x'jaqsmu mal-hatra ta' esperti jew periti fil-proceduri hekk kif ikkontemplat fl-artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti giet mitluba li tohrog ordni ta' protezzjoni ai termini ta' l-artikolu 412C fejn tiprojbixxi lill-imputati milli javvicinaw lil Omissis u r-residenza taghha kif ukoll il-post li tali persuna tiffrekwenta.

F' kaz ta' htija l-Qorti hija mitluba biex tipprovdi ghas-sigurta ta' Omissis u l-familja taghha ai termini ta' l-Artikolu 382A et sequitur, tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat in-nota ta'l-Avukat Generali permezz ta' liema baghat lill-imputata biex tigi gudikata minn din il-Qorti bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali kif mahsub fis-segwenti artikoli:

a) 17, 31, 37, 382A, 412C u 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
b) 41(1)(a), 214, 218(1)(a) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
c) 214, 216 u 217 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
d) 55(a) u 56 tal-Kapitolu 480 tal-Ligijiet ta' Malta;
e) 338(dd) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
f) 339(1)(d) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta; u
g) 339(1)(e) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat li l-imputata ma' kellhiex oggezzjoni li l-kaz jitkompla bi procedura sommarja.

Semghet il-provi tal-prosekuzzjoni.

Rat li waqt l-udjenza mizmuma fid-19 ta' Dicembru 2014 l-imputata ammettiet l-imputazzjonijiet migjuba kontra taghha fit-termini tan-nota ta' rinviju ghal gudizzju ta'l-Avukat Generali, u kkonfermat din l-ammissjoni anke wara li l-Qorti tatha zmien tikkunsidra l-pozizzjoni taghha.

Rat il-*pre-sentencing report* ta'l-ufficjal tal-probation.

Semghet it-trattazzjoni dwar il-piena.

Rat l-atti processwali.

Ikkunsidrat

Illi l-imputata ammettiet l-imputazzjonijiet kollha migjuba kontra taghha fit-termini tan-nota ta' rinviju ghal gudizzju ta'l-Avukat Generali; dawn ghalhekk huma sodisfacjentement pruvati.

Illi dwar il-piena l-Qorti hadet diversi fatturi in konsiderazzjoni. L-ewwel fattur bla dubbju huwa n-natura serja tar-reati li taghhom qed tinstab hatja l-imputata. Min-naha l-ohra l-Qorti bil-fors trid tiehu in konsiderazzjoni l-koperazzjoni ta'l-imputata mal-pulizija fil-kors ta'l-investigazzjoni dwar dan il-kaz, l-eta u l-fedina penali netta ta'l-imputata.

Illi l-Qorti hija tal-fehma li ghandha taghti piz ukoll lir-rapport redatt mill-ufficjal tal-probation Antonella Spagnol li ilha issegwi lill-imputata mis-sena 2011. L-ufficjal tal-probation, wara li anke tkellmet mal-parte leza Omissis, rrakkomandat li l-imputata tinghata sentenza sospiza flimkien ma' ordni ta' supervizjoni. Jidher mis-sottomissjonijiet taghhom kemm il-prosekuzzjoni kif ukoll id-difiza qablu ma' din ir-rakkomandazzjoni.

Illi mir-rapport ta' l-ufficjal tal-probation jidher li l-imputata ghamlet kambjamenti pozittivi hafna f'hajjietha, tant li wara dan l-incident ma kenitx involuta f'proceduri penali ohra. Jidher ukoll li hija qed jirnexxielha tiehu hsieb t-trobbija taz-zewg uliedha b'mod xieraq u dan minkejja li ma tantx tista' tiddependi fuq terzi ghall-ghajnuna.

Illi fil-fehma tal-Qorti r-rakkomandazzjoni li ghamlet l-ufficjal tal-probation hija wahda li ghandha tigi milqugha ghaliex b'dak propost tkun qed tinghata sentenza li tirifletti l-gravita tar-reati li taghhom qed tinstab hatja l-imputata u min-naha l-ohra, anke tenut kont tal-fatt li r-reati sehhew meta hija kelha biss hmistax il-sena, l-imputat tinghata l-opportunita li tkompli fit-triq tar-riabilitazzjoni.

Ghal dawn il-motivi, l-Qorti wara li rat l-artikoli 37, 41(1)(a), 214, 215, 216, 218, 338(dd), 339(1)(d)(e) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta u l-artikolu 55(a) tal-Kaptiolu 9  tal-Ligijiet ta' Malta fuq ammissjoni ssib lill-imputata hatja ta'l-imputazzjonijiet kollha migjuba kontra taghha fin-nota ta' rinviju ghal gudizzju ta'l-Avukat Generali u tikkundannaha disgha (9) xhur prigunerija li b'applikazzjoni ta'l-artikolu 28A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta qed jigu sospiezi ghal perjodu ta' tlett (3) snin u b'applikazzjoni ta'l-artikolu 28G ta'l-istess Kapitolu 9 qed tpoggi lill-imputata taht ordni ta' supervizjoni ghal perjodu ta' tlett (3) snin bil-kundizzjonijiet elenkati f'l-ordni mghoti kontestwalment. In oltre u b'applikazzjoni ta'l-artikolu 533 tal-Kapitolu 9 l-imputata qed tigi ikkundannata thsallas lir-Registratur ta' din il-Qorti s-somma

ta’ tmien mija u sebgha Euro u tnejn u ghoxrin centezmu (€807.22) rapprezantanti spejjez rinkorsi fil-hatra ta’l-esperti; il-multa ghandha tithallas f’pagamenti mensieli ta’ tlettin Euro (€30.00), l-ewwel pagament ghandu jsir fil-15 ta’ April 2015. In konkluzzjoni u b’applikazzjoni ta’l-artikolu 56 tal-Kapitolu 480 tal-Ligijiet ta’ Malta qed tordna l-konfiska tal-mus esebiet, u b’applikazzjoni ta’l-artikolu 57 ta’l-istess Kapitolu 480 qed tiskwalifika lill-imputata minn kull licenzja ai termini tal-Kapitolu 480 ghal perjodu ta’ hames (5) snin.

Il-Qorti spjegat lill-imputata fi kliem ordinarju l-import ta’ din is-sentenza u x’jigri jekk tikkommetti reat iehor fil-perjodu ta’ tlett snin.

Il-Qorti qed tordna ukoll in-notifika ta’ din is-sentenza lid-Direttur ta’l-Ufficcju tal-Probation.

Il-Qorti finalment qed tordna d-divjet tal-publikazzjoni ta’ isem l-imputata u tal-vittma stante li t-tnejn kienu minorenni meta sehh l-incident.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------